# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 15 ta' Marzu tas-sena 2001.**

**Numru 21**

**Avviz numru 1595/99/SM**

**Atlas Insurance Agency Limited u dawn bhala agenti ta' AXA Insurance plc sia "Guardian Royal Exchange Ass. Plc" kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurat taghhom Borg Cold Stores Ltd u l-istess Borg Cold Stores Ltd f'ishom proprju.**

**vs**

**Mario Bonello**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat il-5 ta' Novembru ta' l-1999 li permezz tieghu l-atturi nomine sejhu lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Ihallas is-somma komplessiva ta' LM648.49,0 (sitt mija u tmienja u erbghin lira Maltin u disa' u erbghin centezmi), danni mhallsa fuq vettura JAZ 271 assigurata comprehensive mal-attur nomine huma ta' LM623.49,0 (sitt mija u tlieta u ghoxrin Lira Maltin u disa' u erbghin centezmi) u kwantu ghall-LM25 (hamsa u ghoxrin lira Maltin) 'excess' mhallsa minn Borg Cold Stores Ltd – b'kollox LM648.49,0 u ghal liema somma l-attur nomine jinsab surrogat fid-drittijiet tal-assigurati tieghu u dan kollu b'rizultat ta' habta li grat fit-2 ta' Novembru, 1998 gos-Siggiewi meta waqt li Mario Bonello kien qed isuq il-vettura KAA 929 habat mal-vettura JAZ 271 proprjeta ta' Borg Cold Stores Ltd u misjqua minn Valhmor Borg u ghal liema incident kien unikament responsabbli l-konvenut;**

2. **Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta' Gunju 1999, u bl-imghax tat-8% fuq LM648.49,0 millum sal-hlas effettiv kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni u bl-ispejjes tal-ittra ufficjali tallum kontra Micallef Insurance Agency Ltd assiguraturi tal-konvenut;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata s-26 ta' Novembru ta' l-1999 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatti u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li ghall-incident de quo kien unikament responsabbli l-istess sewwieq ta' l-assigurat tas-socjeta' attrici stante mperizja, negligenza, traskuragni, imprudenza u nuqqas ta' l-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;**

2. **Salv eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Ezaminat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-incident de quo sehh fit-2 ta' Novembru ta' l-198 fi Triq Monsinjur Mikiel Azzopardi s-Siggiewi ghall-habta tas-7.00 – 7.30 ta' filghodu;**

2. **Illi l-kollizjoni in dizamina sehhet bejn il-vetturi bin-numru ta' registrazzjoni JAZ-271 misjuqa minn Valhmor Borg u dik bin-numru ta' registrazzjoni KAA-929 misjuqa mill-konvenut;**

3. **Illi skond l-okkorrenza pprezentata fl-atti ta' din il-procedura flimkien ma' l-iskitz relattiv jidher indikat li waqt li x-xufier Valhmor Borg kien qieghed jipprocedi fit-triq fuq imsemmija huwa waqaf u t-trukk misjuq mill-konvenut dar ghal go Triq Hompesch, u habat fil-vettura l-ohra;**

4. **Illi l-imsemmi Borg jirrizulta li waqqaf il-vettura tieghu ghaliex kien hemm vettura ohra fit-triq li ghamlet manuvra azzardata, dahlet fil-karreggjata tieghu u spiccat quddiemhu;**

5. **Illi jidher li l-iskizz gia' nominat mhux wiehed affidabbli ghall-ahhar stante li x-xufier Borg isostni li l-vettura tieghu hi ndikata erroneament u ghandha tkun indikata aktar il-gewwa stante li isostni li kien fuq in-naha tieghu tat-triq;**

6. **Illi d-danni sofferti minn Borg gew sostenuti mis-socjeta' attrici;**

7. **Illi l-istess konvenut isostni li kien fi Triq Monsinjur Mikiel Azzopardi u meta dar fid-direzzjoni ta' Triq Hompesch u meta ra karozza mieghu waqaf;**

8. **Illi jsostni wkoll li kien fuq in-naha tieghu tat-triq;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi ghandu jinghad li l-manuvra kondotta mill-konvenut, li kien qed isuq 'skip' kienet il-manuvra li kkawzat l-incident in dizamina stante li Triq Monsinjur Mikiel Azzopardi hi triq dritta u kien il-konvenut li ried jidhol fi triq adjacenti, Triq F. Hompesch;**

**Illi ghalhekk xufier galbat u prudenti ghandu jara li meta ser jaqsam il-kors ta' traffiku m'ghandux ikun ta' perikolu ghalieh jew ghal terzi u li m'ghandux jibda tali manuvra qabel ma jassigura ruhu minn dan;**

**Illi evidentement, fil-kaz odjern ma kienx;**

**Ghaldaqstant, din il-qorti tilqa' t-talbiet attrici u:**

1. **Tiddikjara lill-konvenut Mario Bonello unikament responsabbli ghall-incident meritu ta' din il-kawza;**

2. **Tillikwida d-danni fl-ammont ta' sitt mija u tmienja u erbghin Lira Maltin u disa' u erbghin centezmu, (LM648.49,0);**

3. **Tikkundanna lill-konvenut Mario Bonello ihallas l-ammont hekk likwidat lill-atturi nomine et, bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**